# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 26 TA' MARZU, 2021.

## Rikors Nru. 202/21GM

**Carmelo Abela Marketing Limited C22355)**

vs

**Beach Garden Hotel Limited (C70015)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu is-soċjeta`attriċi li wara li ppremettiet illi:-

1. Is-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta wieħed u għoxrin elf, erba' mija, sitta u tmenin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,486.76) liema ammont jirrapreżenta prodotti kkonsenjati mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta fuq inkarigu tagħha stess u dan hekk kif jirriżulta mill-kopja tar-rendikont datat is-6 ta' Settembru 2020 hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok CA1**'.

2. Minkejja li s-soċjeta` konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-imsemmi ammont lis-soċjeta` attriċi, is-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti.

3. Is-soċjeta` esponenti anke' ttentat tinnotifika lis-soċjeta` konvenuta diversi drabi b'ittra uffiċċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12. Tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru ta' referenza 126/2020, kopja liema qiegħed hawn annessa u mmarkata bħala **Dok.CA2**, iżda għal xi raġuni, ir-riferti dejjem ġew lura negattivi (vide l-ittra **Dok. CA2**).

4. Jeżistu elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex dina l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12. Tal-Liġijiet ta' Malta, stante li dan il-kreditu ta' wieħed u għoxrin elf, erba' mija, sitta u tmenin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,486.76) huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta` attriċi, is-soċjeta` konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

5. Is-soċjeta` konvenuta hija konsapevoli minn dawn il-fatti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża.

6. Dawn il-fatti huma magħrufa mid-diretur tas-soċjeta` attriċi Pierre Abela (K.I 197369M)

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1.Tilqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2.Tiddikjara lis-soċjeta` konvenuta vera, ċerta u likwida debitriċi versu s-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, erba' mija, sitta u tmenin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,486.76).

3.Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex minnufih tħallas s-somma ta' wieħed u għoxrin elf, erba' mija, sitta u tmenin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,486.76) lis-soċjeta` attriċi bl-imgħaxijiet mid-data tal-ewwel

fattura hekk kif jindika r-rendikont surreferit, u cioe` is-26 t'Awwissu 2019, sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta` konvenuta.

Rat in-Nota tas-soċjeta` konvenuta ppreżentata waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha ammettiet it-talbiet tas-soċjeta` attriċi.[1]

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta` konvenuta, it-talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-soċjeta` konvenuta tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta` attriċi kif dedotti fir-rikors ġuramentat billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba.

2. Tilqa' t-tieni talba billi iddikjara lis-soċjeta` konvenuta vera, ċerta u likwida debitriċi versu s-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, erba' mija, sitta u tmenin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,486.76).

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas s-somma ta' wieħed u għoxrin elf, erba' mija, sitta u tmenin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,486.76) lis-soċjeta` attriċi bl-imgħaxijiet mid-dati tal-fatturi rispettivi skont kif jidhru fir-rendikont Dok CA-1 datat 6 ta' Settembru 2020 sad-data tal-ħlas effettiv.

[1] Fol 15

Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA